**27 ta' Frar, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Albert V. Mallia ne.

*versus*

Avukat Dr. Joseph Fenech et. ne.

**"Copyright" — "Juke Box" — Publiċità — Każin tal-Banda Copyright Act, 1911.**

*Il-Copyright Act ma jagħti ebda definizzjoni tal-kelma "public"; u għalhekk, il-kwistjoni jekk rappreżentazzjoni saretx fil-publiku, b'mod li tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-awtur, hi kwistjoni kollha ta' fatt u ta' dritt, li għandha tiġi maqtugħa fil-każijiet partikulari bl-applikazzjoni ta' ċerti "tests" riferiti fil-ġurisprudenza estera in materja.*

*L-element tal-profitt mhux deċiżiv f'azzjoni ta' danni għall-ksur tal-"copyright", għalkemm hu fattur importanti; kif lanqas ma hu deċiżiv l-element tal-abitwalità; imma l-element tal-publiċità huwa tali li jekk ma jirrikorrix fil-każ in ispeċje, ma jkunx hemm vjolazzjoni tal-liġi f'min jeżegwixxi jew jittollera l-eżekuzzjoni ta' mużika tutelata b'xi wieħed mill-mezzi kontemplati mil-liġi, bħal ma hu l-"Juke Box", mingħajr il-permess tas-soċjetà nkarikata mill-protezzjoni ta' l-istess drittijiet.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti tal-Appell qatgħet illi l-eżekuzzjoni ta' mużika tutelata per mezz ta' "Juke Box" fil-każin tal-*

*banda "Duke of Connaught" ta' Birkirkara, mingħajr il-permess tas-soċjetà tal-awtur', fejn kien hemm ukoll fisfnuxi koppji ta' ġuvintur bejniethom, kienet tikkostitwixxi, fil-każ in ispeċje, vjolazzjoni tal-"Copyright Act", kuntrarjament għal dak li kienet iddeċediet l-Ewwel Qorti, li s-sentenza tagħha għalhekk ġiet revokata.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-konvenuti fil-każin tal-banda "Duke of Connaught", Birkirkara, ikkollokaw, jew ippermettew jew ittolleraw li tiġi kollokata, "Juke Box", u per mezz tagħha eżegwew mużika tutelata kontrollata mis-soċjetà attriċi mingħajr il-permess ta' dik is-soċjetà, in kontravvenzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-Copyright Act, 1911; talab li l-konvenuti (1) jiġu inibiti milli per mezz ta' "Juke Box" jeżegwixxu, jippermettu jew jittolleraw l-eżekuzzjoni ta' mużika tutelata u kontrollata mis-soċjetà attriċi fil-każin fuq indikat, taħt is-sanzjonijiet komminati mil-liġi għal kull eventwali nfrazzjoni ta' dan l-ordni, in kwantu b'hekk ikunu qegħdin jirrendu ruħhom ħatjin ta' disprezz lejn l-awtorità ta' din il-Qorti; (2) jiġu dikjarati responsabbli għad-danni subiti mis-soċjetà attriċi mħabba dawn l-infrazzjonijiet, konsistenti dawn fit-telf tad-dritt li soltu dik is soċjetà teżiġi għall-konċessjoni ta' dik il-liċenza jew permess; (3) u jiġu kundannati jħallsu lill-attur nomine is-somma tad-danni li, għar-raġunijiet fuq indikati, tiġi likwidata minn din il-Qorti. Bl-interessi legali, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tat-8 ta' Novembru 1958, li biha preliminarment iddikjarat li l-konvenuti Dottor Joseph Fenech u George Sciberras, fil-kwalitajiet tagħhom li ġew imħarrka, ma humiex persuni leġittimi sabiex jirrappreżentaw il-każin tal-banda ċitata, u in konsegwenza lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju, a spejjeż tal-attur nomine, u fil-meritu ddeċidiet billi ċaħdet it-talba attriċi; bl-ispejjeż, mħabba fid-diffikultà tal-meritu, bla taxxa; id-

dritt tar-Reġistru però jibqa' għall-attur nomine; wara li kkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-fattijiet a bażi tagħha huma dawn li sejrin jiġu relatati;

Għall-ħabta tas-27 ta' Frar 1958, fil-każin tal-banda "Duke of Connaught", Valley Road, Birkirkara, ġiet introdotta "Juke Box". Dawn il-"Juke Boxes" ikunu jikkontjenu numru ta' "records" — "two sided records" (il-kaxxa in kwistjoni kienet tikkontjeni tletin "record" differenti), li jiġu mħaddmin mekkanikament internament bl-elettriku, wara li tintefa' ġewwa "slot" minuta u tmiss "button" fuq speċi ta' board għall-għażla tar-"record" li jkun irid jindaqq;

Fil-każ in kwistjoni, il-flus li kienu jinġabru bid-daqq tar-"records" għall-perijodu meta l-"Juke Box" kienet ta' John Mary Pirotta, kienu jinqasmu 25% għall-każin u l-kumplament għall-propretarju tal-"Juke Box"; meta mbgħad, għall-perijodu ieħor, ċertu Bonaci offra lill-każin 33 u ⅓% mid-dħul, l-istess kumitat tal-każin biddel il-kaxxa u ħa waħda minn għand Bonaci; għaliex hekk kien jaqbel. Fiż-żewġ ipotesijiet il-kurrent tad-dawl kien jiġi mħallas mill-każin in kwistjoni (ara depożizzjoni Joseph Zarb fol. 19 tergo tal-proċess);

Fit-18 ta' April (ġurnata tal-Ġimgħa), 21 ta' April (ġurnata tat-Tnejn), u 26 ta' April (ġurnata tas-Sibt), tas-sena li aħna fiha, l-Ispettur John Borg tad-ditta attriċi, għal xi t-8.30 jew id-9 p.m., sama' barra l-club in kwistjoni, li kellu l-bibien miftuħa, jindaqqu rispettivament, fl-ewwel jum fuq imsemmi is-sonata "Rainbow" ta' Russ Hamilton, fit-tieni jum fuq imsemmi is-sonata "Diana" ta' Paul Anka, u s-sonata "Don't gamble with love" tal-istess Paul Anka, u fit-tielet jum fuq imsemmi s-sonata "You can't catch me"; u ra minn barra jisfnu fil-kontro-entrata u bitħa tal-każin xi tmienja jew tnax il-koppja ta' ġuvintur, preżumibbilment membri tal-club (l-għaliex ma kienx hemm xi tratteniment straordinarju) bejniethom mad-daqq tal-mużika li kienet qegħdha tiġi mekkanikament operata (ara depożizzjoni ta' John Borg fol. 18 u ta' wara tal-pro-

ċess). Mhux in diskussjoni li għall-epoka s-sonata "Rainbow" ta' Russ Hamilton, u "Diana" u "Don't gamble with love" ta' Paul Anka, kienu protetti mid-ditta attriċi (ara dok. X fol. 26 tal-proċess);

Jirriżulta wkoll li, skond il-Pulizija, il-clubs tal-filarmonika huma kunsidrati bħala "private clubs", u għalhekk ma jingħatawlhomx liċenzi barra minn dik tar-reġistrazzjoni skond il-Government Notice 508/1939, u li l-club konvenut applika biex iżomm "Juke Box" u l-Pulizija weġbitu li ma kienx hemm bżonn ta' liċenza (ara depożizzjoni Ispettur John Cachia fol. 64 tal-proċess) għal hekk;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti l-fatti riżultati mill-provi, jingħad li, mentri l-attur nomine jippretendi li l-fatt tal-kollokazzjoni tal-"Juke Box", jew it-tolleranza tal-club in kwistjoni li tiġi kollokata fl-istess sedi, u per mezz tagħha tiġi eżegwita mużika tutelata u kontrollata mis-soċjetà attriċi mingħajr permess tas-soċjetà, jikkostitwixxi kontravvenzjoni tal-Copyright Act, 1911, il-konvenuti nomine jirribattu dik it-talba, billi qalu (1) li huma qatt ma eżegwew mużika tutelata, (2) jew li l-anqas ippermettew l-eżekuzzjoni tal-mużika tutelata fil-publiku, (3) u illi, bla preġudizzju tal-premess, sabiex ikun jista' jitqies li jkun hemm infrazzjoni tal-Copyright Act, taħt is-sezzjoni 2(3) tal-istess Att hemm bżonn illi tiġi permessa l-eżekuzzjoni (a) fil-publiku, (b) għall-profitt privat ta' min jippermetti l-eżekuzzjoni, (c) u f'teatru jew "other place of entertainment", dak li ma huwiex il-club in kwistjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, qabel ma din il-Qorti tgħaddi l-quddiem sabiex tinvesti l-meritu, huwa dmir tal-Qorti tissolleva "ex officio" l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tal-konvenut Avukat Dottor Joe Fenech, imħarrek fil-kwalità tiegħu ta' president tal-filarmonika konvenuta, u tal-konvenut George Sciberras fil-kwalità ta' kaxxier, kif għandha dritt tagħmel

skond il-liġi u skond il-ġurisprudenza. *Infatti*, skond il-liġi, l-illeġittimità tal-persuna tipproduċi n-nullità tal-attijiet kontra tagħha magħmula, jew, skond il-każ, eżegwiti, u hija wieħed mill-motivi ta' revoka ta' sentenzi pronunzjati anki fit-tieni istanza u tar-ritrattazzjoni (ara art. 790(1) u 814(c) Kap. 15); u hija eċċezzjoni ta' natura perentorja, li tista' tiġi sollevata anki fit-tieni istanza (ara art. 733(1) Kap. 15); u għandha tiġi deċiża b'kap separat (art. 731 Kap. 15). Skond il-ġurisprudenza, mbgħad, kif fuq intqal, jista' jidher mis-sentenza tal-Appell Ċivili tat-30 ta' *Novembru 1903 in re "Avukat tal-Kuruna Dr. A. Naudi vs. Staines Geoghan ne."* (Vol. XVIII-I-108), u *minn* dik tal-Kummerċ tal-15 ta' Jannar 1907 in re "Edward Grech ne. vs. Negte. *Francesco Darmanin*" (Vol. XX-III-1), biex jissemmew xi sentenzi; għax fuq dan il-punt hemm ħafna sentenzi *oħra* fil-Kollezzjoni tas-sentenzi tagħha;

Illi mill-Istatut tas-soċjetà tal-banda konvenuta, depożitat f'idejn ir-Reġistratur ta' din il-Qorti, jidher mir-regolament IX ittra (c), taħt it-Titolu "Is-Segretarju", illi r-rappreżentanza legali quddiem il-Qorti ta' dik l-istess soċjetà hija mħollija f'idejn is-segretarju, u la l-president kif lanqas il-kaxxier (ara regt. VIII u X tal-Istatut *imsemmi*) ma għandhom *rivestita fihom dik* l-istess *rappreżentanza*;

Illi tant l-Avukat Dottor Joseph Fenech *kemm* il-konvenut George Sciberras, *fir-rispettivi* kwalitajiet tagħhom li ġew imħarrka, ma huma persuni kapaċi li jirrappreżentaw is-soċjetà filarmonika konvenuta; u in konsegwenza għandhom ikunu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju a spejjeż tal-attur nomine;

Ikkunsidrat;

Illi, però, il-kawża kontra l-konvenut Joseph Zarb, bħala segretarju tas-soċjetà filarmonika "Duke of Connaught", hija pjantata tajjeb u skond il-liġi; u fil-konfronti tiegħu l-meritu tagħha jista', inkonsegwenza, jiġi liberament diskuss;

Ikkunsidrat;

Illi, fil-meritu, jingħad li s-soċjetà konvenuta, bl-ewwel eċċezzjoni tagħha, in sostanza qegħdha ssostni li bl-eżekuzzjonijiet li saru fis-sedi tagħha ma ġietx miksura jew vjolata l-liġi tal-Copyright, l-għaliex il-club in kwistjoni mhuwiex post publiku, iżda post privat;

Illi mhux ozjus li jingħad, għas-soluzzjoni tal-kwistjoni fuq sollevata tal-eżekuzzjoni publika, li skond l-Istatut tas-soċjetà konvenuta l-iskopijiet ta' dik l-istess soċjetà huma tnejn, u ċjoè wieħed edukattiv (it-tagħlim tal-mużika) u l-ieħor rikreattiv (post għar-rikreazzjoni tas-soċi) — ara reg. 1 tal-Istatut imsemmi; imma jekk skond ir-reg. 91 huwa projbit id-dħul fil-każin għal min mhux soċju, skond ir-reg. 62 dak l-istess dħul huwa mħolli fid-diskrezzjoni tad-direttur ġenerali jew tal-kumitat; liema l-aħħar korp jista' fl-interess tas-soċjetà jagħmel użu minn biċċa jew mill-każin kollu għall-divertimenti jew okkażjonijiet oħra, b'esklużjoni tas-soċi in parti jew "in toto", fl-ipotesi msemmija skond ir-reg. 44 tal-istess Statut. L-operazzjoni tar-reg. 44, sew parzjali sew totali, tinteressa s-soċjetà għad-divertimenti jew okkażjonijiet oħra b'esklużjoni parzjali jew totali tal-istess soċi mill-estensjoni tal-każin allokata, u rettament interpretata timporta l-ammissjoni ta' xi persuni oħra wkoll, li ma humiex biss l-istess soċi, għal dawk id-divertimenti u okkażjonijiet oħra fejn u meta jiġi attivat ir-regolament imsemmi, u ċjoè tal-publiku, basta li jkun hemm it-tornakont għall-istess soċjetà. Infatti, mhux barra mill-ordinarju li każini bħal dak in kwistjoni fi rħula jiġu mikrija għal xi festin familjari, bħal ma huma t-tiġijiet, festa ta' xi lawreand, u festini oħra;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit dan li ġa ntqal, mhux barra minn loku li jingħad li, skond il-klawsola nterpretattiva jew definitorja tal-Copyright Act, 1911, sezzjoni 35(1), li għandu forza ta' liġi f'Malta in forza tal-Proklama tat-28 ta' Ġunju 1912, eċċettwati d-dispożizzjonijiet espressament limitati għar-Renju Unit, mill-jum 1 ta' Lulju 1912 (Government Gazette 5502 tat-28 ta' Ġunju 1912 (p. 574), il-kelma "performance" (eżibizzjoni — rappreżentazzjoni) tissinifika "any acoustic representation of a work and any visual re-

presentation of any dramatic action in a work, including such *representation made by means of any mechanical instrument*"; b'mod li minn din id-definizzjoni jitnissel li kwalunkwe rappreżentazzjoni akustika ta' biċċa mużika operata per mezz ta' xi ħaġa mekkanika tikkostitwixxi ndubbjament "eżekuzzjoni" ("performance") ta' dik l-istess biċċa xogħol;

Illi, applikat dan li ntqal għall-każ in diżamina, jiddixxendi naturalment u loġikament, mill-provi, li bl-attivazzjoni tal-"Juke Box" (li hija strument mekkaniku) saret fil-każin in kwistjoni eżekuzzjoni ta' biċċiet ta' mużika kontrollata mis-soċjetà attriċi;

Illi dan il-fatt, fuq riżultat mill-provi, però, ma huwiex suffiċjenti sabiex jista' jingħad li kien hemm b'dik l-operazzjoni vjolazzjoni tal-Copyright Act, 1911. Infatti, sabiex l-eżekuzzjoni tista' tingħad li hija vjolazzjoni, hu meħtieġ li l-istess tiġi eżegwita u rappreżentata fil-pubbliku bla permess tas-soċjetà attriċi;

Illi l-kwistjoni jekk il-każin in kwistjoni għandux jew le jiġi ritenut post publiku jew le mhix hekk faċli kemm bniedem jista' għall-ewwel daqqa ta' għajn jaħseb. Il-kwistjoni jekk post huwiex publiku jew le għall-finijiet tal-Copyright Act, 1911, ma tiddependix biss mill-permessi meħtieġa amministrattivament sabiex dak l-istess post jinfetaħ jew le, jew sabiex jibqa' ġestit, jew inklelè għall-"policy" użata mill-amministrazzjoni dwaru politikament in kwantu għall-għoti ta' permessi dwar l-eżerċizzju ġenerali jew dwar affarijiet oħra partikulari, meħtieġa jew mhux meħtieġa, skond il-każ, meħuda l-kelma "politikament" fis-sens filosofiku-ġuridiku. Huwa fatt li l-kelma "publiku" mhix definita fl-Att "de quo dicimus"; u fejn fih hija wżata u nterpolata, is-sinifikat u l-estensjoni tagħha huma mħollija, għall-fini fuq espress, għas-sens diskrezzjonali tal-interpreti; imma huwa wkoll altrettanto inkontrastabbli li l-ġudikanti ngliżi, dwar l-interpretazzjoni ta' dik il-kelma, applikata għall-każi in konkreto imressqin quddiemhom "in materia", dejjem, jew kważi dejjem, affermaw katedratikament li jekk eżibizzjoni, fis-sens volut mill-Att in parola, tistax tingħad li saret jew le fil-publiku,

hi materja li tinvolvi u timporta kwistjoni mista fl-istess ħin tant ta' dritt kemm ukoll ta' fatt; u dan l-assert ġie bħala prinċipju aċċettat anki mill-Qrati Tagħna (ara "Jennings vs. Stephen", 11 ta' Marzu 1936, A.C. Chap. 467, ċitata "in extenso" fuq dan il-punt fis-sentenza li tinsab fil-proċess markata dok. A, fol. 29, u in partikulari fol. 37, fejn Lord Wright hekk iddefinixxa l-kwistjoni. Ara wkoll P.A. Ċivili l-ewwel ta' Ottubru 1936, in re "Captain Albert Mallia ne. vs. Oscar Sammut ne.", Vol. XXIX-II-1143 u ta' wara; u Appell Inferjuri Ċivili 12 ta' Novembru 1945, in re "Captain Henry Briffa ne. vs. Frederick Graham ne.", Vol. XXXII, paġ. 731;

Illi, in applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, jingħad, in tema legali ġenerali, li eżibizzjoni jew eżekuzzjoni tista' tingħad publika jekk l-istess ma tkunx privata; imma d-differenza bejn eżibizzjoni publika u privata tiġġjaċi fid-differenzi essenzjali taż-żewġ rappreżentazzjonijiet. Infatti, normalment ma tistax tingħad privata, imma publika, dik l-eżibizzjoni li ssir f'post publiku jew apert għall-publiku, jew f'post privat fejn parti mill-publiku jiġi ammess, sew bi ħlas, sew b'sempliċi stedina u bla pagament, għal skop ta' lukru jew benefiċenza; liema rijunjoni ta' nies ma tkunx marbuta flimkien minn vinkoli ta' parentela jew amiċizzja intima u stretta, jew anki minn vinkoli domestiċi jew kważi-domestiċi u familjari. Għalkemm dan li ntqal, għall-finijiet tad-dikjarazzjoni tal-publiċità, huwa in ġenerali l-isfond li jrid jiġi eżaminat għad-determinazzjoni tagħha, eppure hemm diversi kriterji oħra sabiex jirrafforzaw dan il-prinċipju ġeneriku, li meħuda iżolatament ma humiex "per sè" determinanti u deċiżivi, imma, kunsidrati fl-assjeme tal-ko-effiċjenti kollha li jirritraw il-kwadru ġenerali tal-każ mal-prinċipju li ġie affermat, jista' jingħad, iwasslu għall-determinazzjoni ġusta u ekwa. Hekk, "ad exemplum", jingħad, dwar jekk l-eżibizzjoni saritx bla ħlas jew għal profitt, dwar għandux jiġi kunsidrat in-numru tal-parteċipanti u tan-nies li jkunu preżenti, il-kwalità tan-nies li jattendu u d-destinazzjoni tal-post fejn ir-rappreżentazzjoni ssir, jew il-karattru tal-"auditorium", u materji oħra; u dan l-aħħarnett għandu jiġi kunsidrat fid-dawl tad-dannu morali jew leżjoni ġuridika materjali (perdita ta' profitt jew lukri ċessanti) li jista' jirriżenti l-awtur jew

konċessjonarju tal-kompożizzjoni bl-eżekuzzjoni tagħha bla permess sew tal-awtur sew tal-konċessjonarju, skond il-każ, apparti l-isfruttament tan-novità li titnissel minn kompożizzjoni ġdida bħala li tipproduċi sensazzjoni novella, b'mod li tiġi bir-ripetizzjoni renduta anqas attrattiva u, biex ngħidu hekk, komuni u volgari;

Illi dak li ġie premess fuq kien intiż biex jiġi rilevat is-sens veru tal-kliem "in public" u l-kriterji li għandhom jiġu eżaminati għall-aċċertament tal-publiċità bħala materja legali in ġenerali;

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina l-kwistjoni ta' fatt tal-publiċità relattiva għall-każ konkret li ġie mressaq quddiemha fid-dawl tal-prinċipji fuq enunċjati;

Illi fil-ħajja soċjali, partikolarment tal-irħula tagħna, il-każini tal-baned għadhom jirrappreżentaw iċ-ċentru tal-ħajja parrokkjali. Huwa minnu li l-lum, bil-faċilitazzjonijiet tat-traffiku, il-ħaddiema u nies oħra li jgħammru fil-kampanja, wara li jerġgħu lura mix-xogħol minn bnadi oħra tal-Gżira, mhumiex kostretti bħal ma kienu dari jibqgħu fir-reċinti u limiti tar-raħal tagħhom; imma huwa wkoll minnu li mhux ftit minn dawk in-nies jillimitaw ruħhom, wara r-ritorn mix-xogħol, speċjalment fix-xitwa, għal dak iċ-ċirkondarju, u skond l-inklinazzjonijiet tagħhom imorru f'dak il-każin li huma jkunu jippatroċinaw (l-għaliex f'ħafna rħula normalment ikun hemm żewġ każini rivali), fejn iqattgħu ż-żmien tar-rikreazzjoni tagħhom, jew billi joqgħodu jaqraw xi ġurnal, jew biex jisimgħu xi provi ġenerali ta' programmi li l-banda jkollha tagħti x'imkien fil-publiku bnadi oħra, jew sabiex jilgħabu xi logħba karti jew biljard, jew sabiex jiġbru n-notizzji tal-ġurnata u xi informazzjonijiet, sew lokali sew ġenerali, tant tal-ħajja politika kemm ta' dik ekonomika, u mhux raramen sabiex ifittxu notizzji dwar ix-xogħol tagħhom u jkunu żguri fejn bniedem ikun faċilment jista' jsibhom, jew biex isibu lil xi mgħallem tagħhom, jew imgħallem ieħor tas-sengħa tagħhom, u f'każ ta' bżonn biex iqabbadhom xi xogħol meta

jkunu qegħdha. Dawn il-postijiet ta' nkontru fiċ-ċirkustanzi msemmija, partikolarment jekk fl-istess lokalità abitata jkun hemm xi każin rivali bl-istess skopi, inisslu speċi ta' affratellament, ħbiberija u domestikezza bejn dawk li jiffrekwentawhom u dawk li jappartjenu għalihom, tant li ħafna drabi dan is-sens unitarju, konxju jew inkonxju, jirrifletti ruħu fl-aġir tagħhom bħala massa f'ħafna kampijiet tal-ħajja attiva u in ġenerali ta' kulljum;

Illi, ritratta suċċintament l-istorja soċjali tal-każini tal-baned fl-irħula u r-riflessi li jiddixxendu minnhom bejn l-assoċjati, jingħad li l-każin in kwistjoni, li jinsab Birkirkara, jikkonsisti fi tliet kwalitajiet ta' soċi, u ċjoè dawk li huma bandisti, dawk li huma membri hekk imsejħa effettivi, u dawk li huma onorarji (ara pag. 2 tal-Istatut). Tant is-soċi bandisti kemm dawk imsejħa effettivi jiġu, biex jiffurmaw parti mis-soċjetà "de qua", approvati mill-maġġuranza tal-kumitat; b'dan li għall-ewwel kwalità ta' soċi (bandisti) irid ikun hemm ukoll l-approvazzjoni tas-surmast direttur u tad-delegati tal-banda li jkunu fil-kumitat, u ma jistgħux ikunu wkoll soċi ta' filarmonika oħra f'Birkirkara (regolament 9 tal-Istatut). Soċju ammess jobliga ruħu għall-ħlas ta' sena, li tiġġedded minn sena għall-oħra mill-ewwel ġurnata tax-xahar tal-ammissjoni, u jrid iħallas żewġ xelini dritt tal-ammissjoni, u jrid iħallas xelin fix-xahar bħala dritt tal-assoċjazzjoni, li jitħallsu kull tliet xhur bil-quddiem (ċjoè 3s. għal tliet xhur bil-quddiem) — ara reg. 11 u 14. Dwar is-soċi onorarji — li ma għandhomx dritt għall-vot — huma magħżula minn kumitat għal xi ġid li jkunu għamlu lis-soċjetà filarmonika (ara reg. 5);

Illi huwa tajjeb li jingħad ukoll li, meta x-xhud tal-attur, Borg, sama' l-kompożizzjonijiet tutelati mis-soċjetà attriċi, ma kienx il-każ ta' xi divertiment jew okkażjoni konsimili kontemplata fl-art. 44 tar-regolamenti tal-Istatut; u ma ġiex pruvat li kien hemm qegħdin jisfnu ħlief xi tmienja jew tnax il-koppja ta' ġuvintur bejniethom mad-daqq tal-"Juke Box". U dan qiegħed jingħad l-għaliex, jekk jiġi operat l-art. 44 tar-Regolamenti tal-każin, u ssir, jew aħjar tiġi eżegwita u tollerata, mużika tutelata bla permess tal-awtur jew l-aventi kawża minnu, il-fatt tal-preżenza ta' parti mill-publiku, sew mingħajr il-preżenza tas-

soċi sew bil-preżenza t għhom gratuwita, anki f'post li "gratia argumenti" għ .ndu jiġi ritenut privat, ikun jikkostitwixxi ndubbjame .t u bla diffikultà vjolazzjoni talliġi tad-dritt tal-awtur. Infatti, ġie ritenut li jekk fis-sala ta' soċjetà privata jsi xi trattenimeent gratuwitu għassoċi, għan-nies tal-fa milja tagħhom, għall-awtoritajiet, għan-nies tal-istampa u persuni oħra nominattivament invitati, u li ma jikkostitwux konvenju familjari, f'liema trattenimeent jindaqqu bla permess kompożizzjonijiet tutelati bla permess kif fuq in qal, dik l-eżibizzjoni tikkostitwixxi eżibizzjoni publika, u in konsegwenza vjolazzjoni tad-dritt tal-awtur, tant għal dawk li jeżegwuha kemm għal dawk li jawtorizzawha (ara Tribunal ta' Modena fid-19 ta' Mejju *1891*, in re *Tosi-Bellucci, Rivista Penale tal-Lucchini*, Vol. 34, paġ. 29; u Qorti tal-Kassazzjoni 4 ta' Lulju 1891, Rivista Penali, Vol. 3, paġ. 340; u Gżpa. Italiana, anno 1891, 1, 2 p. 232, fejn l-istess sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Kassazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ in diżamina, wara matura riflessjoni, din il-Qorti tippropendi biex tirritjeni li l-eżibizzjonijiet li saru *kienu ta' natura privata, u per konsegwenza kienu joħorġu* mill-applikazzjoni tal-liġi in kwistjoni; għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Li l-indoli tal-post fejn sar id-daqq tutelat in kwistjoni huwa pjuttost privat anzikkè publiku. Jekk huwa veru li l-indoli tal-post iżolat mhix determinanti, l-istess, rigwardat fil-kwadru ġenerali tal-fatti, jassumi importanza. Infatti, rappreżentazzjoni f'sala publika, per sè u "prima facie", timplika publiċità; imma jekk jiġi pruvat li dik is-sala ġiet użata għat-trattenimeent ta' ftit ħbieb tal-persuna li tkun organizzat trattenimeent wara xi inkontru ta' ħbieb intimi, dik il-"prima facie" preżunzjoni taqa', u l-laqgħa tassumi l-konvenju taċ-ċirkolu tal-ħbieb tal-organiżżatur u ssir inkontru privat f'post publiku, kif josserva Lord Justice Komer fil-kawża "Jennings vs. Stephen" fuq ċitata. Mill-banda l-oħra, jekk it-trattenimeent isir f'post privat, għalkemm bl-ammissjoni ta' ċertu numru ta' estranei bil-flus jew bl-inviti, għal-lukru jew beneficenza, jista'

jsir tratteniment publiku, il-preżunzjoni "hominis" hija li l-eżibizzjoni tkun privata; multo magis" meta jieħdu parti fiha l-membri biss tas-soċjetà privata, u l-istess membri mhumiex per regola illawdjati jdaħħlu invitati "ad libitum", u biss eċċezzjonalment, wara l-otteniment ta' permess speċjali minn għand id-diriġenti nkarikati, bħal ma huwa l-każ tas-soċjetà in kwistjoni;

2. Li fl-okkażjonijiet imsemmija mix-xhud Borg, prodott mill-attur, ma jirriżultax li fost il-koppji ta' xi tmienja jew tnax il-ġuvintur bejniethom kien hemm xi invitati, jew li nħarġu xi nviti għal dik l-istess żifna;

3. Li fiċ-ċentri tal-kampanja, fosthom il-lokalità ta' Birkirkara, il-membri ta' soċjetà filarmonika, kif fuq ġie spjegat, huma marbuta flimkien b'vinkolu ta' domestiċità jew kważi-domestiċità, u familjarità, fis-sens li huma kważi membri tal-istess familja fis-sens lat tal-kelma, prodott mit-temperament tan-nies ta' dan il-pajjiż fejn din il-kawża qegħdha ssir. Jingħad ukoll li mhux kull abitant ta' Birkirkara, bis-sempliċi pagament tal-entrata, jista' jsir membru ta' dik l-istess soċjetà; l-għaliex, kif huwa risaput, il-membri żagħżagħ tal-każin in kwistjoni huma, biex jingħad hekk, tfal ta' nies ta' dik il-lokalità li dejjem appartenew tradizzjonalment għal dak il-każin, bħal ma żagħżagħ oħra, bħall-anteċessuri tagħhom, tradizzjonalment jappartjenu għal każin ieħor, u ħadd ma jaħseb ordinarjament li jibdel minn każin għall-ieħor; liema sens ta' individwalità separata, li tintiret, biex hekk jingħad, jirradika l-vinkolu ta' familjarità bejn il-membri tal-istess każin. Minħabba din il-karatteristika lokali, ben-notorja, dan il-każ ma jistax jiġi paragunat għall-każ "Jennings vs. Stephen" fuq ċitat, fejn in-nies tal-istitut hemm imsemmi u tal-villaġġ, bla ebda vinkolu sentimentali u familjari bejniethom, setgħu b'sempliċi "entrance fee" żgħir isiru membri tal-istess istitut u jassistu "to a dramatic performance given at the village women's institute by the performers of the members of a neighbouring institute" (ara Copinger, Law of Copyright, 8th edition, 1948, paġ. 153);

4. Li l-fatt li kienu qegħdin jisfnu flimkien koppji maskili, meta wieħed mill-iskopi tas-soċjetà in kwistjoni

*huwa dikjarat rikreattiv, juri kemm l-istess rikreazzjoni* kellha mill-"home life"; l-għaliex il-ballu, fil-veri u proprji trattenimenti pubbliċi f'ambjenti simili, ġeneralment isir bejn "mixed couples"

5. Li għalkemm gramophone huwa per sè strument mekkaniku għad-daqq tal-biċċiet mużikali, eppure jekk jindaqq fi club privat għas-soċi biss, ma tiġix b'hekk vjolata l-liġi, anki jekk il-kompożizzjonijiet ikunu tutelati u jindaqqu bla permess ta' l-awtur jew aventi kawża minnu. Il-"Juke Box" in sostanza ma hix ħaġ'oħra ħlief mekkaniżmu li jixbaħ il-gramophone, imma aktar elaborat; u kwindi, jekk fuqu jindaqqu kompożizzjonijiet bħal dawk imsemmija, u taħt l-istess kontinġenzi fuq menzjonati, huwa naturali u loġiku li bniedem għandu jasal għall-istess konklużjoni fuq affermata;

6. Li l-ħlas sabiex tiġi attivita l-"Juke Box" jippresupponi l-"membership", u ma jsirx biex wieħed jista' jidħol il-każin u jipparteċipa għar-rikreazzjoni offerta bla ma jkun membru tas-soċjetà in parola;

7. Li l-potenzjalità finanzjarja tal-assoċjati fis-soċjetà in kwistjoni hija limitata, l-għaliex normalment fil-maġġuranza jiffurmaw parti minnha nies ta' kondizzjoni tal-ħaddiema, li ma humiex nies li solitament iħallsu flus biex jisimgħu programmi mużikali "ad hoc" imlaqqa' sabiex tiġi rappreżentata mużika leġġjera;

Illi, del resto, ġie deċiż (ara Pretura Urbana ta' Genova, fl-1 ta' Awissu 1892 in re Cartier (Riv. Penale, Vol. XXXVII, 155), li għalkemm il-prinċipju huwa li "in generale basta una pubbliċità relativa (għall-vjolazzjoni tal-liġi li tipproteġi d-dritt tal-awtur), non essendo assolutamente necessario che la produzione sia data in luogo pubblico o aperto al pubblico", eppure "non vi è nemmeno pubblicità relativa nell'esecuzione di alcuni pezzi di musica in un circolo di divertimento, alla presenza di alcuni direttori di giornali intervenuti come amici, come non vi è pubbliċità se l'esecuzione ha luogo in presenza di soli soci";

Tommaso Bruno, fil-monografija tiegħu ntitolata "Di-

*ritto d'Autore", fil-paragrafu 148 in kalċe, hekk jikkommenta din is-sentenza:*— "E ciò ci sembra giusto, giacchè le associazioni o clubs, istituiti per lo più a scopo di istruzione o di divertimento (bħal ma huwa l-każin in kwistjoni doppjament), o per ambo questi scopi, sono obbligati di tenere aperte le porte a tutti i soci, i quali, quasi membri di una medesima famiglia, non possono non aver diritto di far della musica a loro piacimento; ma questo loro diritto lede i diritti di autore dal momento in cui le porte restano aperte ad estranei, *i quali possono partecipare all'udizione di composizioni musicali che in ogni locale aperto al pubblico* sono soggette al pagamento di diritti spettanti ai compositori";

Illi, in konsegwenza, l-azzjoni attriċi ma tistax, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, tiġi milqugħa favorevolment;

Illi dwar l-eċċezzjoni konvenuta mogħtija in sub-*ordine, in vista tal-konklużjoni li waslet għaliha din il-*Qorti, ma hemmx lok li tiġi delibata u deċiża;

Rat in-nota tal-appell tal-attur nomine, u l-petizzjoni li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata fil-kap appellat, in kwantu ċaħdet it-talbiet tal-attur nomine kif diretti kontra l-konvenut Joseph Zarb nomine, u in kwantu akkollat lill-appellant l-ispejjeż proprji u bid-dritt tar-Reġistru, u konfermata in kwantu akkollat lill-konvenut Zarb nomine bil-ħlas tal-ispejjeż tiegħu, u billi invece jiġi deċiż għat-tenur tad-domandi tal-attur nomine; bl-ispejjeż kollha tal-ewwel u ta' din l-istanza kontra l-istess appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ jirriżultaw mis-sentenza appellata;

L-istanza ġiet eskluża mill-Ewwel Qorti fuq il-motiv li l-"performance" kienet privata; għal hekk il-kwistjoni *kollha hi jekk il-"performance" għandhiex titqies "domestic"* jew "quasi domestic", ossija "public";

Hu risaput illi fil-liġi in materja ma hemmx definizzjoni tal-kelma "public", u għalhekk din il-kwistjoni, li hi ta' fatt u ta' dritt, għandha tiqqata' fil-każijiet in ispeċje bl-applikazzjoni ta' ċerti "tests", riferiti fil-ġurisprudenza estera in materja;

Kwantu għall-element tal-profitt;

Dan, għalkemm mhux element deċiżiv, hu però fattur importanti. F'dan il-każ jirriżulta mix-xhieda tal-konvenut Zarb (fol. 19 tergo) li l-każin konvenut jieħu perċentwali diskreta mill-profitti tal-"Juke Box" in kwistjoni;

Kwantu għall-element tal-abitwalità;

Anki dan jirrikorri, avvolja ma hux lanqas deċiżiv. Jirriżulta, infatti, li din il-"Juke Box" aktarx tindaqq kulljum mille le (xh. Zarb loc. ċit.);

Kwantu għall-mezz tal-"performance";

Hu risaput illi l-"Juke Box" topera b' "records", jew diski. Dan hu appuntu wieħed mill-mezzi kontemplati mil-liġi, Copyright Act. 1911, s. 35(1);

Għalhekk, dawn it-tliet elementi mhumiex sfavorevoli għall-assunt tal-attur nomine;

Kwantu għall-publiċità ("in public");

Ma jidherx li wieħed jista' jsegwi l-Ewwel Qorti filli sabet fil-każin konvenut xi fattezzi partikulari li jiddifferenzjawh minn każini oħra, b'mod li nduċiet minn daqshekk il-karattru tad-"domestiċità" ossija "kważi-domestiċità" tal-"performance". Dik il-Qorti sabet li l-membri huma marbutin flimkien b'vinkolu ta' domestiċità jew kważi-domestiċità, anzi familjarità, fis-sens li huma "kważi membri tal-istess familja". Qalet ukoll li mhux kull abitant ta' Birkirkara jista' jkun membru, għaliex ippreżumiet li l-membri huma tfal ta' nies li dejjem appartenew għal dak il-każin "b'sens ta' individwalità separata li tintiret". Żiedet tgħid li minħabba f'hekk jiġi radikat bejn il-membri

tal-każin "affratellament" u "vinkolu ta' familjarità". Dik il-Qorti ddistingwiet ukoll bejn dan il-każ u l-każ "Jennings vs. Stephen", fejn in-nisa tal-istitut hemm imsemmi u tal-istess villaġġ, "bla ebda vinkolu sentimentali u familjari", setgħu b'sempliċi dritt ta' entrata żgħir isiru membri tal-istess istitut. Żiedet ukoll li jikkonfermaw it-teżi tad-domestiċità iċ-ċirkustanzi li l-mużika ndaqqet fuq "Juke Box", li kienu qegħdin jisfnu rġiel bejniethom biss, li ma kienx hemm invitati, u li r-risorsi finanzjarji tal-każin konvenut huma modesti;

Jekk wieħed jeżamina r-regolamenti tal-każin ċitat, eżibiti bin-nota tat-23 ta' Jannar 1959, isib li dan il-każin hu kompost minn soċi bandisti, soċi effettivi, u soċi onorarji. Ma hemm ebda limitazzjoni speċjali għall-ammissjoni bħala soċju ħlief li wieħed jiġi propost minn soċju ieħor u mbgħad approvat mill-kumitat. Jista' jidħol kull min ma hux taħt it-tmientax il-sena, anzi anki ta' età anqas bil-kunsens tal-ġenituri. Ma hemm ebda restrizzjoni fis-sens li s-soċju propost għandu jkun imwieled Birkirkara, jew "oriundo" minn Birkirkara, jew joqgħod hemm. L-iskopi tas-soċjetà huma tnejn minn dawk li għandhom l-aktar appell "ġenerali" u xejn affattu limitat, ċjoè it-tagħlim tal-mużika u r-rikreazzjoni tas-soċi. Il-ħlas hu mill-aktar modest, u kwindi jiffaċilita l-awment tan-numru tas-soċi, ċjoè żewġ xelini dritt ta' entrata u sottoskrizzjoni annwa ta' tnax il-xelini, titħallas bit-tliet xelini kull trimest. Għal-kemm id-dħul fil-post hu bħala regola limitat għas-soċi, eppure jistgħu jidħlu oħrajn mhux soċi skond id-diskrezzjoni mhux biss tal-kumitat, imma anki ta' uffiċjal wieħed biss, ċjoè tad-direttur ġenerali;

Fil-każ in ispeċje, ġie pruvat li kienet qegħdha tindaqq mużika tutelata, fil-waqt li kienu qegħdin jisfnu minn tmienja sa tnax il-koppja rġiel bejniethom, preżumibbilment soċi;

B'dawn l-antefatti ċertament ma jistax jingħad li din il-"performance", dan id-daqq u sfin fil-każin, kienet parti mid-"domestic or home life" ta' dawk li kienu qegħdin jieħdu sehem fiha, jew li huma kienu nies tal-istess "home circle", jew li kienu nies "more or less living under one

roof", jew li l-"performance" kienet "a matter of family and household concern only" (ara, għal dawn it-"tests", il-ġurisprudenza ngliża ċitata fil-Vol. XXIX-II-1153-1154);

Xejn ma jfisser illi n-numru tal-parteċipanti kien modest, għaliex, kif ġie deċiż (ibidem p. 1150), bil-kelma "public" wieħed jifhem "a portion of the public", li "sometimes may be very small indeed";

Hu veru li l-Qorti għandha teżamina ċ-ċirkustanzi tal-okkażjoni partikulari, imma dan biex tista' tapprezza l-veru fatt tal-kawża u naturalment fuq l-isfond tal-implikazzjonijiet riżultanti. Għandu jiġi notat li, proprjament, il-fatt li qiegħed jagħti lok għal din il-kawża, u li minħabba fih qegħdin jiġu reklamati l-"performing rights", hu l-kollokament f'dan il-każin ta' "Juke Box" b'mod permanenti, intiż għall-eżekuzzjoni ta' mużika pressokkè ta' kulljum għat-trattenimment tas-soċi u ta' min jidħol bid-debitu permess. Dan hu l-fatt li għandu jiġi meqjus. L-okkażjoni partikulari osservata mix-xhud Borg hi eżempju biss ta' dak li wieħed għandu jistenna li jiġri kulljum, jew kważi kulljum;

Huma rilevantissimi fuq dan il-punt il-kliem ta' Lord Sargant fil-kawża ta' Martan's Club (Harms, inc. v. Martans' Club, Ltd. (1927) 1 Ch. 526 (C.A.):— "I am not sure whether this was shown in the Court below, that, though there was a single performance on the night in question, I suppose the right which is claimed would be really to play the tune amongst other tunes on any night on which there was dancing, and so long as the comparative freshness of the tune would be an inducement to persons to come and dance at the club. If that were so, it seems to me that there would be a very serious derogation of the plaintiff's right, because the tune is liable to be played until its freshness has worn off, and therefore a very large part of the value of the composition of the plaintiff has disappeared";

Din l-osservazzjoni takkwista aktar importanza fil-każ in eżami, meta wieħed jikkunsidra (a) illi, kif qal il-konvenut Zarb, il-"Juke Box" tindaqq kważi kulljum. Id-diski

ċertament ma jimbidlux kulljum. Ma hemmx bżonn li wieħed ikun espert fil-mużika, imma biżżejjed ikun dilettant, biex ikun jaf li anki arja, kanzonetta, valse u biċċa mużika kwalunkwe, komunement popolarissima meta tkun friska, a forza li, appuntu minħabba l-popolarità, tindaqq spiss, f'daqqa waħda tiġi skartata għax issir, kif jingħad, "kackneyed". Dan b'dannu tal-awtur, mentri l-protezzjoni tiegħu hija, kif intqal f'Duck v. Bates, ċitat fil-Copinger & Skone James, "On Copyright", p. 186, "the key to the construction of the Act"; (b) illi, kif intqal fl-istess kawża issa ċitata (ara wkoll Vol. XXIX-II-1152), il-fatt li kullħadd jista' jidħol soċju f'dan il-każin, salvi l-proċeduri soliti, jikkostitwixxi in sostanza "an invitation to members of the public to attend by becoming members of the Club"; (ċ) id-daqq kien qed isir fil-kontro-entrata tal-każin, bil-bieb miftuħ, b'mod li jinstama' minn barra, tant li x-xhud John Borg b'hekk ittraċċja l-każ (xh. tiegħu fol. 18). Din il-possibbiltà, għall-finijiet tal-"performing rights", għandha titqies anki in konnessjoni mal-okkażjoni partikulari li tat lok għall-kawża (ara, f'każ analogu, sentenza *tal-Qorti tal-Kummerċ* "Mallia vs. Falzon", 9 ta' Jannar 1936, Vol XXIX-III-210, li fih, apparti mid-daqq fl-okkażjoni partikulari ta' biċċa mużika msejħa "Siciliana", ittieħed qies mill-Qorti tal-fatt li, avvolja r-radjo kien fil-"private" ġewwa, eppure d-daqq seta' jinstama' mill-avventuri fir-restaurant; (d) in-nies, li huma membri ta' dan il-każin huma, kuntrarjament għal dak li pprova jsostni l-appellat, nies li setgħu potenzjalment ikunu "the owner's public or part of his public", appuntu għaliex dan hu każin tal-banda, fejn isiru kunċerti, li fih wieħed mill-*iskopijiet hu t-tagħlim tal-mużika*, u kwindi min hu membru aktarx li jkun jiddiletta xi ftit bil-mużika;

Ma jidherx li wieħed jista' jiddistingwi l-każ ta' "Jennings vs. Stephens", kif għamlet l-Ewwel Qorti; anzi f'dan il-każ kien hemm ċirkustanzi anqas minn dawk fil-każ preżenti; għax l-assoċjazzjoni fl-istitut kienet limitata għannisa tal-parroċċa ta' Duston, u t-trattenimenti, limitati għall-membri biss, kienu jsiru ta' kull xahar, mentri hawn l-assoċjazzjoni ma hix limitata għal ebda lokalità, jistgħu *jidħlu barranin bil-permess* tad-direttur ġenerali, id-daqq jinstama' minn barra meta jsir fil-kontro-entrata bil-bieb

miftuħ, u d-daqq isir a' kulljum, kważi, b'mod li l-istess daqqa tiġi ripetuta met tkun popolari, kif fl-intervall qasir li kien hemm ix-xhud E rg indaqqet darbtejn il-kanzunetta "Diana";

Fil-ktieb ta' Copin er & Skone James, On Copyright, p. 186, din id-deċiżjoni hi hekk riportata:— "In the case of "Jennings vs. Stephe s" it was decided that a dramatic performance given at a village "Women's Institute" was a performance in public, though the performers were all members of a neighbou ing institute; no one was present except members, and o charge was made for admission. It was decided that the true criterion whether the performance was public or q asi-domestic was the character of the audience. In view f the fact that any woman in the village could become a member of the institute on payment of a small entrance fee, the audience in this case would not be held to have any domestic or quasi-domestic character";

Anki fil-każ ta' eżekuzzjoni ta' mużika mogħtija f'fattorija, limitata għall-ħaddiema, fil-ħinijiet tax-xogħol, ġie ritenut li kienet "performance in public"; għax dawk il-ħaddiema kienu potenzjalment parti mill-publiku tal-awtur (ara Copinger & Skone James, loc. ċit., p. 186-187);

Divers hu l-każ ta' "domestic performance", per eżempju, jekk xi ħadd jipprovdi daqq ta' mużika f'daru lill-mistednin tiegħu wara "dinner party"; għax, kif intqal fil-ġurisprudenza ngliża (Vol. XXIX-II-1153), dawk il-mistednni huma, "pro tempore", "members of his home circle"; jew rappreżentazzjoni bħal dik fil-każ "Duck vs. Bates", limitata għat-tobba, studenti u nfermieri ta' sptar, u l-familji ta' x'uħud mit-tobba;

Ir-risorsi tal-każin (del resto bl-ebda mod pruvati) ma humiex element rilevanti, għax ebda persuna jew korp morali, fqir jew sinjur, ma jistgħu jivvjolaw impunement id-dritt sakrosant tal-awtur;

Din il-Qorti, għalhekk, tirritjeni li l-"performance" kienet "in public";

Dwar it-tielet domanda għad-danni, stante li l-likwidazzjoni tagħhom hi sempliċi, *skond il-prattika solita*, għalhekk jistgħu jiġu likwidati minn din il-Qorti (art. 231(2) Kap. 15). Infatti, dan il-"Juke Box" ilu jindaqq xi tliet xhur (xh. Zarb fol. 20); ir-rata pagabbli għall-"performing rights" fuq "Juke Box" hi £10.10.0 fis-sena (xh. attur fol. 19 tergo); "ergo" d-danni huma kwart ta' dik is-somma, ċjoè £2.12.6;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-attur nomine, u, *salva dik il-parti* tas-sentenza mhux appellata, dwar l-illeġittimità tal-persuna, tirrevokaha fil-bqija tagħha, u għalhekk tilqa' t-tliet talbiet tal-attur nomine; u għall-finijiet tal-aħħar talba tiffissa s-somma tad-danni għall-ammont ta' £2.12.6, għall-perijodu ta' tliet xhur sas-27 ta' Mejju 1958 (data tax-xhieda tal-konvenut Zarb), salv kull dritt għall-perijodu sussegwenti;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellat nomine.